MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Numru 1043/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**
**VS**
**RONNIE MACKAY**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Ronnie Mackay, ta’ 29 sena, iben Anthony u Yvonne nee’ Cutajar, imwieled Malta fit-8 ta’ Mejju 1981, residenti Class Crt Blk B, Fl 4, Triq Danny Cremona, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 228781(M);

Illi huwa akkuzat talli fid-9 ta’ Ottubru 2010 ghal habta tal-5.00AM, gewwa l-Floriana kif ukoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta:

i. Ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Karen Cassar; [Art.221(1) Kap.9]

ii. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lill-istess Karen Cassar, biza li ser tintuza vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Karen Cassar hekk tibza kull darba minn dawk l-okkazjonijiet; [Art.251B(1) Kap.9]

iii. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Karen Cassar u/jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Karen Cassar; [Art.251A(1)(a)(b) Kap.9]

iv. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hgiega tal-bieb tal-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta; [Art.325(c) Kap.9]

v. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 1098, PS 325, PC 1402, PC 846 u PC 1435, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghi skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti; [Art.96 Kap.9]

vi. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; [Art.95(1) Kap.9, Art.92 Kap.9]

vii. Qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika; [Art.338(bb) Kap.9]

viii. Bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor; [Art.338(m) Kap.9]

ix. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, il-Qorti tista', minhabba f'ragunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.[Art.412C Kap.9]

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (Dok.PMG2) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-verbal datat 5 ta’ Novembru, 2010 (a fol. 17 u 18);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Ronnie Mackay**, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 221, 251B(1), 251A(1)(a)(b), 325(c), 96, 95(1), 92, 338(bb), 338(m) u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn**.

**In oltre’, l-Qorti tohrog Ordni ta’ Protezzjoni kontra lill-imputat u a favur ta’ Karen Cassar ghal perijodu ta’ tlett (3) snin, bil-kondizzjoni li ma jimmolestax lill-istess Karen Cassar wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-motivazzjonijiet ta’ l-Artikolu 412C (4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-fedina penali nadifa ta’ l-imputat, l-ammissjoni bikrija, il-mahfra tal-kwerelanti u l-fatt illi l-imputat hallas ghal hsarat li wettaq.

F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tirrakkomanda li l-imputat jzomm l-impjieg tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------